

2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur u fuq żball ta' applikazzjoni u ta' interpretazzjoni tal-Artikolu 2.4.13 tal-PRAG 2013, kif ukoll fuq eċċess ta' poter fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali mogħtija lill-Kummissjoni u lill-aġenziji u lid-delegazzjonijiet tagħha fl-eżerċizzju tal-funzjoni tagħhom bħala awtorità kontraenti (Contracting Authority);
3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur u fuq żball ta' applikazzjoni u ta' interpretazzjoni tal-prinċipji ta' trasparenza previst fl-Artikoli 15 u 298 TFUE, kif ukoll fl-Artikolu 102(1) (prinċipji applikabbli għall-kuntratti pubbliċi) u fl-Artikolu 112(1) (prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' trasparenza) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, kif ukoll fuq eċċess ta' poter fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali mogħtija lill-Kummissjoni u lill-aġenziji u lid-delegazzjonijiet tagħha fl-eżerċizzju tal-funzjoni tagħhom bħala awtorità kontraenti (Contracting Authority);
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq ksur u fuq żball ta' applikazzjoni u ta' interpretazzjoni tal-prinċipji gwida tal-Artikoli 2 tad-Direttiva 2004/18/KE u tar-referenzi leġiżlattivi l-oħra fil-qasam ta' amministrazzjoni u ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi għal servizzi msemmija f'din id-direttiva, kif ukoll fuq eċċess ta' poter fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali mogħtija lill-Kummissjoni u lill-aġenziji u lid-delegazzjonijiet tagħha fl-eżerċizzju tal-funzjoni tagħhom bħala awtorità kontraenti (Contracting Authority).

Rikors ippreżentat fid-19 ta' Frar 2014 – L-Italja vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-122/14)

(2014/C 102/63)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika Taljana (rappreżentanti: S. Fiorentino, avvocato dello Stato, u G. Palmieri, aġent)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Dan ir-rikors huwa intiż kontra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea Nru C(2013) 8681 finali, tad-9 ta' Diċembru 2013, li biha, b'eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tas-17 ta' Novembru 2011, mogħtija fil-Kawża C-496/09, il-Kummissjoni intimat lir-Repubblika Taljana biex tħallas l-ammont ta' EUR 6 252 000.00 bħala pagament ta' penalità.

Id-deċiżjoni kkontestata tirreferi għat-tieni semestru ta' dewmien u, jiġifieri, għall-perijodu inkluż bejn is-17 ta' Mejju u s-17 ta' Novembru 2012.

Insostenn tar-rikors tiegħu, il-Gvern Taljan jinvoka l-motivi li ġejjin:

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 260(1) TFUE u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 260(3) TFUE, kif ukoll fuq il-ksur tas-sentenza li għandha tiġi eżegwita, fir-rigward tal-krediti miżmuma fuq l-impriżi f"arranġament preventiv" jew f"amministrazzjoni miftiehma".

Fil-fatt, id-deċiżjoni ma tnaqqasx mill-ghajjnuna li tibqa' dovuta fl-iskadenza tas-semestru ta' riferiment, il-krediti miżmuma fuq l-impriżi debitori fi stat ta' falliment u suġġetti għal proċeduri ta' insolvenza, minkejja li, skont il-Gvern Taljan, dawn huma krediti li għall-irkupru tagħhom l-Istat Membru uża d-diliġenza kollha neċessarja u, għaldaqstant, kellhom jiġu esklużi mill-ammont tal-ghajjnuna li jibqa' dovut abbażi tas-sentenza li għandha tiġi eżegwita.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339) kif ukoll fuq l-applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004, tal-21 ta' April 2004, li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 4, p. 3).

3. Wieħed isostni f'dan ir-rigward li d-deċiżjoni timponi fuq l-awtoritajiet Taljani li japplikaw, għall-ammonti dovuti mill-impriżi għar-rimbors tal-għajnuna mill-Istati, l-interessi bir-rata komposta, kif previst mill-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 794/2004. Il-Gvern Taljan jikkontesta dan il-punt billi jsostni li – anki fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (u, b'mod partikolari, tas-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2008, mogħtija fil-Kawża C-295/07, Il-Kummissjoni vs Département du Loiret u Scott SA) – din is-sistema ta' kalkolu tal-interessi ma tistax tiġi applikata b'riferiment għad-deċiżjonijiet ta' rkupru qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament Nru 794/2004 u, wisq inqas, b'riferiment għad-deċiżjonijiet ta' qabel il-pubblikazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rati ta' interessi li għandhom japplikaw meta għajnuna li tingħata b'mod illegali tkun qed tiġi rkuprata (ĠU C 110, tat-8 ta' Mejju 2003, p. 21).
-